TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT 166/18/B

Darren John Borg
Vs
Unpaused Co. Limited

Illum, 11 ta' Dicembru, 2019

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrentiipprezentat fit-28 t' Ottubru 2018;

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata datata 16 ta' Novembru;

Ra l-Atti tal-process u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semgha ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi fl-avviz mressaq quddiem dan it-Tribunal r-rikorrenti iindika illi huwa qed jitlob s-somma ta' mija u disgha u erbghin Euro (€ 149) u dan il-valur ta' arlogg illi r-rikorrenti kien ghaddha lil Watch Clinic sabiex issirlu riparazzjoni izda meta gie ritornat lura lilu huwa gie moghti arlogg differenti.

Illi fir-risposta taghha s-socjeta' initmata cahdet illi hija rritorat arlogg differenti minn dak li kien ghaddielhom ir-rikorrenti tant illi tishaq illi d-deskrizzjoni ta' tip t'arlogg li r-rikorrenti qed jallega li kellu filfatt ma jezistixu ghalhekk talbet it-Tribunal sabiex Jichad it-talba tar-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti xehed bil-gurament illi huwa gie moghti rigal minghand Louise Magri ossija arlogg tal-marka Fossil ta' kulur rose gold u strap kannella. Huwa spjega illi l-arlogg kellu l-hgiega mkissra u ghalhekk kien mar ghas-socjeta intimata ezecenti fil-kummerc bhala Watch Clinic ghar-riparazzjoni. Huwa spjega illi meta mar jigbor l-arlogg huwa gie moghti lura arlogg b'cinga sewda u ghalhekk huwa irrifjutah. Illi filfatt huwa sahaq illi l-arlogg tieghu kien bhal dak li jidher f' Dok DB 2 ezebit mill-istess rikorenti.

Xehdet Louisa Magri li kkonfermat illi hija kienet xtrat dan l-arlogg tal-ghamla Fossil biccinga kannella u case rose gold minghand VIP.

Xehed Peter Agius in rapprezentanza tas-socjeta' intimata illi cahad li c-cinga tal-arlogg giet mibdula u dan peress illi dak it-tip t' arlogg jinhadem biss b'cinga sewda u mhux kannella. Huwa spejga illi l-procedura meta jidhol arlogg ghat-tiswija hija li kull arlogg jigi siggilat f'envelope bid-dettalji tal-klijent u isir job repair u ghalhekk huwa kategoriku illi l-arlogg ma nbdilx.

Xehdet Roxanna Cosma li tahdem mas-socjeta intimat u li hija l-persuna li lilha nghata l-arlogg mir-rikorrenti ikkonfermat illi hija hadet il-code minn fuq l-istess arlogg. Illi hija tispezzjoni l-istat tal-arlogg u Ghamlet zewg kopji ta' Dokument immarkat bhala Dok 2 (ipprezentat mar-risposta) li giet iffirmata mill-kljient u l-ohra zammha ir-rikorrenti. Illi x-xhud spjegat illi meta r-rikorrenti mar jigbor l-istess arlogg huwa kien cempel lil partner tieghu u saqsiha il-kulur tal-istrap. Hija Xehdet illi ma jistax ikun li l-istrap giet mibdula u dan peress illi l-istrap is-sewda tidher li hija uzata kif ukoll illi straps tal-ghamla Fossil ma jzommux in stock u ghalhekk tkun tridi tigi ordnata wahda ghal klijent.

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi fi ftit kliem il-pendenza bejn il-partijiet titratta dwar jekk ic-cinga jew l-arlogg kollu giex erronjament mibdul mis-socjeta intimata wara li r-rikorrenti kien dahhal l-istess arlogg ghat-tiswija.

Illi l-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li: *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"*. Inoltra l-Artikolu 559 tal-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi: *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib"*;

Illi jinghad illi t-Tribunal huwa rinfaccat b'zewg verzjonijiet li huma kompletament kontrastanti. Minn naha r-rikorrenti jishaq illi huwa jrid lura l-arlogg li halla ghand il-Watch Clinic ossija strap kannella u case rose gold. Minn naha l-ohra socjeta' intimata tishaq illi l-arlogg li r-rikorrenti halli kellu strap sewda u mhux kanella tant illi l-code ghal dak il-mudell partikolari nhadem biss bi strap sewda u ghalhekk hija impossibli t-tezi tar-rikorrenti.

Illi t-Tribunal jqis illi meta jikkuntrasta iz-zewg verzjonijiet, il-verzjoni tas-socjeta' intimata hija iktar verosimili minn dik tar-rikorrenti. Illi r-rikorrenti ma ppruvax il-kaz tieghu illi filfatt l-arlogg minnu li thalla mal-Watch Clinich kien bl-istrappa kannella u case rose gold. Dan qed jinghad peress ir-ritratt ezebit ma jindikax car li l-arlogg huwa dak mertu ta' din il-kawza. Di piu, Dok DB 2 ezebit mir-rikorrenti jidher car li d-deskrizzjoni tal-arlogg kif indkat mir-rikorrenti ghandhu code FS5068 filwaqt li d-dokument tal-garanzija

ukoll ezebit mir-rikorrenti bhala Dok DB1 hemm indikat bhala code ghal arlogg FS 5058 u mhux FS 5068.

Illi Peter Agius spejga illi dawn il-codes huma moghtija mill-kumpanija Fossil stess: *"illi meta jasslu l-affarijiet minn barra tal-fabbrika huwa jghatuni inport bil-codes kollha b'mod elettroniku jigifieri lanqas jiena jkun li hemm Zball ta' xi impjegat"*. Illi apparti d-dokument tal-garanzija tal-arlogg mertu tal-kawza ipprezentat mir-rikorrenti fejn hemm indikat il-code tal-arlogg FS 5058 socjeta' intimata pprezentat l-ircevuta ta meta bieghet l-arlogg lir-rikorrenti. Illi dan huwa kkolaborat ukoll mill-job sheet indikata bhala Dok 2 mar-risposta fejn ittiehdu id-dettalji inkluz tal-arlogg bil-Code indikat huwa FS5058 liema job sheet giet accetata mir-rikorrenti tant illi iffirmaha.

Illi it-Tribunal huwa sodisfatt illi s-socjeta' intimata gabet l-ahjar prova illi l-arlogg li r-rikorrenti halla fil-Watch Clinic tal-ghamla Fossil ghandu l-Code FS 5058. Illi minn Dok 5 (prezentat mar-risposta) huwa konfermat minn Fossil Group innifsu illi l-arlogg bil-Code FS5085 jikkorrispondi ghal Arlogg tal-ghamla fossil bl-istrap sewda.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba rikorrenti hi wahda li ma gietx ippruvata skont il-Ligi u ghalhekk qedgha tigi michuda.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal ghar-ragunijiet fuq spejgati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, billi jichad it-talba tar-rikorrenti filwaqt li jordna lis-socjeta' initmata tirritorna lura l-arlogg li ghandha fil-pussess taghha propjeta' tar-rikorrenti.

Kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Avv. Paul Borg
Arbitru